# PENSJONANT

*Ta'* G.A. CILIA

(*Jorbot mal-għadd ta' Marzu, pp.* 24-27)

Sadattant tasal il-pensjoni. Il-marda li għaddejt minnha tiftaħlek għajnejk biex flok iż-żewġ terzi tieħu nofs il-paga u somma globali flok il-bqija tal-pensjoni. B'hekk tkun żgur li jekk ikollok xi skoss ieħor u tibqa' taħtu għallinqas il-familja tgawdi dik is-somma. Jidhirli wkoll li dan hu l-waqt li int u martek tmorru għand nutar u tħallu eredi lil xulxin. Għalkemm il-lum il-familja hi magħquda, jista' jiġri li dawk li jiżżewġu lil uliedek inassu u jħallu lil martek tbati meta int tkun fil-qabar.

Tiġi biex tagħżel is-sengħa. Trid tkun waħda li kull fil-għodu tqajmek biex tissokta dak li bdejt il-jum ta' qabel. Hemm erba' snajja' li Giovanni Papini jsejħilhom, "L-erba' snajja' l-aktar imqaddsa; dawk tal-bidwi, ta'-bennej, tal-ħaddied u tal-mastrudaxxa. Dawn fost l-arti ta' l-idejn huma l-aktar magħġunin malħajja tal-bniedem. Il-bidwi jkisser il-ħamrija u minnha jislet il-ħobż li jiekol il-qaddis fiċ-ċella u l-qattiel fil-ħabs; il-bennej jonġor il-ġebla u biha jibni dar il-fqir, dar is-sultan, id-dar t'Alla; il-ħaddied jikwi u jgħawweġ il-ħadid biex jagħti x-xabla lis-suldat u s-sikka tal-moħriet lill-bidwi, il-mantell lill-mastrudaxxa; il-mastrudaxxa jisserra u jġonġi l-injam biex jagħmel il-bieb li jħares lid-dar mill-ħallelin u s-sodda li fuqha l-ħallelin u ta' bla ħtija jmutu. Għalkemm ftit inqisuhom huma ta' għaġeb iżjed u aktar meħtieġa minn dawk li ġew warajhom.

Jien kont nagħżel taħlita ta' dawn l-erbgħa, flimkien mas-sajd, b'saħħa aqwa fuq il-biedja li tigborhom kollha. Jaqaw il-kelma "biedja" ma turix li hi s-sengħa primitiva "tal-bidu"? Jekk il-ġnien tiegħek mhux kbir bizzejjed, ngħidu aħna siegħ raba' jew 40 qasba kwadra, ixtri daqshekk raba' kemm jista' jkun qrib id-dar. Bi £300 sa £400 tfiq; imma xinhuma dawn ħdejn saħħtek u l-hena tiegħek? Jekk tixtri xi sena qabel tagħlaq is-servizz tkun tista' thejji li tibda x-xogħol malli tispiċċa.

L-ewwel xogħol hu li ssib baqqunier bieżel biex tinvella l-blat u tħaffer bir. Inti miegħu biex turih kif tridu jaħdem u twarrab il-mazkan u x-xaħx. Għall-ewwel idejk jinbarxu u tbati xi ftit bi qtigħ il-laħam, imma l-idejn ma jdumux ma jiħraxu, iż-żaqq tiddekkek mix-xaħam żejjed u tiftaħ aptit ta' żiemel. Jekk ikun jeħtieġ qabbad "truck" iġiblek erba' vjeġġi ħamrija. Dawn ferrix-hom kemm jista' jkun invell wieħed.

Is-sehem tiegħek ta' bennej ma jgħaddix hawn. Dawwar il-ġnien b'ħajt ta' seba' jew tmien filati u f'rokna xemxija ibni kamra ġmielha u gorboġ għall-fniek. Jekk issib bennej jaħdem bil-ġurnata qabbad il-baqqunier bħal manwal u int erħilek tgħin billi thejji t-tajn u tkaħħal il-ħajt; tibżax malajr tidra u sħabek il-bennej u l-baqqunier igħallmuk u jagħmlulek il-qalb. Malli tħallu l-ħaddiema jkollok x'taħgmel wisq. Tkaħħal u tbajjad il-kamra u l-gorboġ. Bil-mazkan u s-siment tagħmel passaġġ dwar il-kamra u ieħor f'nofs il-ġnien; għandek il-ġimgħat fiex tqatta' ż-żmien.

Hawn tidħol it-tieni sengħa, dik li biha l-Imgħallem tagħna kien jaqla' ħobżu bil-ħidma ta' idejh. Fil-kamra għamel bank ta' mastrudaxxa, ixtri morsa u ixtri l-għodda u ġib mix-xatt ftit twavel ta' l-aħmar u ta' l-abjad. Ibda mill-bieb ta' barra gwarniċ ta' l-injam u folja żingu, dak tal-kamra u l-gorboġ, it-tieqa u għandek ġimgħat oħra fejn iż-żmien itir u tħossok kburi li kellek ħila tagħmel dawn l-affarijiet.

F'dan iż-żmien il-ġnien ma tħallihx fieragħ. Jaqbel tibda l-ewwel b'xi ħxejjex li ftit jitolbu ħsieb: ħass, ġidra, patata, basal fix-xitwa; qara' bagħli u tadam fis-sajf.

Dawn jikbru malajr u arak ta' kull lejla meta tarfa' mix-xogħol sejjer id-dar imkabbar bi ftit priża. Il-ħajja fil-beraħ ittuqek żgur u t-taħriġ tal-ġisem fil-għażiq, l-inqix, fit-tnaqqija ta' ħaxixa l-Ingliża u l-ħurrieq ikunu ta' l-aqwa mediċina.

Fit-tieni sena bl-esperjenza li tkun ħadt u taħdit mal-bdiewa ħbieb tiegħek timxi pass iżjed 'il quddiem. Tabilħaqq li tajjeb tixtri xkora sulfat tal-ammonja jew xi demel artifiċjali ieħor, iżda l-bażi għandu jkun id-demel naturali. Għalhekk barra dak tat-tiġieġ u l-ħamiem li tagħtik il-mara mid-dar, jeħtieġ fil-gorboġ tal-ġnien

trabbi l-fniek. Hawn kotba biżżejjed biex titgħallem kif trabbihom. Il-ħsieb tagħhom ikun raġuni ġdida biex kull fil-għodu tmur salġnien u biex ikollok fuqiex titkellem ma' sħabek.

Fir-rokna l-aktar xemxija tal-ġnien f'Ottubru ħawwel tadam tal-qasab ta' l-isem "money-maker" u hejjilu l-qasab biex jixxabbat miegħu. Dan irid ħsieb mhux ħażin; bixx biż-*żineb* u bl-*oxychloride* għall-ġlata u bid-D.D.T. likwidu biex ma jeklux il-bebbux u l-ħanżir l-art. Ix-Chev. Kelinu Vella Haber fl-Uffiċċju tal-Biedja dejjem lest biex jurik u jagħtik kull tagħrif ieħor fuq il-ġnien u l-annimali. Aħseb għal biċċa frawli, biss din trid sikwit tnaqqiha mill-ħaxix ħażin u tista' tbejjet ful u piżelli.

Il-ġnien tgħabbihx bis-siġar jekk ma jkunx akbar milli għidna. Lumija hija meħtieġa — waħda ta' kull qamar; għaliha għid il-baqqunier ħabib tiegħek iħaffer ħofra ta' xi ħames piedi. Iżra' l-lewż morr bogħod xi tnax-il pied biex minnhom tlaqqam għajnbaqar u ħawħ. U hekk tara kull jum il-ħidma tiegħek imbierka minn Alla tikber u tagħti l-frott; issir tifhem fit-temp, ma tgergirx iżjed mixxita u tgħożż wisq iżjed il-ħidma u l-għaqal tal-bidwi. Fil-ħemda u l-paċi waqt li tkun taħdem fil-ġnien tiftakar fi sħabek marbutin ma' l-iskrivanija u tħossok sultan żgħir.

B'dan ma rridx ingħid li l-ħidma ta' l-id sa tissodisfak għalkollox. Jekk tħossok tiflaħ għalik hemm ħafna xogħol fil-*Boards* tal-Gvern fejn bi ftit xogħol matul is-sena, l-aktar, fejn l-iżjed tifhem u kelmtek tinsama', tista' tgħin id-dgħajsa, tiltaqa' ma' sħabek l-antiki u ma tħossokx maqtugħ għal kollox minn dawk li jmexxu artna.

Minn dak li tgħallimt f'sehem f'wieħed minn dawn il-*Boards* jew kumitati nara li kellu raġun Francis Bacon (Essay XLII) igħid li dawn għandhom ikunu magħmulin minn xjuħ u żgħażagħ. Iż-żgħażagħ jinqalgħu aktar biex isibu triqat ġodda; aktar tajbin biex proġett iwettquh, l-immaġinazzjoni tagħhom tixgħel fihom donnha b'mod mis-sema. Donnu li aktar ma tgħix u tixrob milli tagħti d-dinja aktar il-moħħ jiddallam għal rimedji tassew ġodda. Iżda ż-żagħżugħ għandu bżonn min irażżnu għax iħaddan aktar milli jista' jżomm; iqajjem inkwiet aqwa milli għandu ħila jsikket; ma jimpurtahx sa fejn jasal bla ma jqis għandux mezzi u x'jista' jiġri wara; tarah ifettillu għal ħaġa addoċċ, għax biss tiġi f'moħħu, bla ma jqis hix ta' ħtieġa. Ix-xiħ kull ħaġa jsibilha difett, idum jaħsibha u jiddiskutiha qabel jaqtagħha, ma jissugrax iżżejjed, malajr tarah jindem mill-pass li ħa, m'għandux ħila jsuq ix-xogħol bil-ħeġġa. Jekk dawn il-*Boards* ikunu mħalltin il-pubbliku jqim l-awtorità tax-xjuħ u jitgħaxxaq bil-popolarità taż-żgħażagħ.

Fil-belt jew raħal tiegħek tonqosx li tieħu sehem f'xi għaqda

reliġjuża tas-sekulari jew każin tal-banda biex tħoss li qiegħed tagħmel dan id-dmir ta' belti. Biss jekk jagħżluk f'Kumitat tintrabatx b'kariga ta' responsabbiltà — biżżejjed rajt fix-xogħol tiegħek — imma post'ok hu ta' konsultur u ta' ħidma fejn ma jeħtieġx tħabbat wiċċek mal-pubbliku.

Fil-ħin li jibqagħlek biex il-moħħ ma jsaddadx żgur li jeħtieġ taqra. Barra l-Bibljoteka ssib kotba tajbin u tal-lum fil-*Library tal-British Council*, fejn ukoll tista' taqra ġurnali u rivisti ta' kull xorta fid-darba fil-ġimgħa li tidħol il-Belt. Naħseb li bħali għomrok kollu xtaqt li tistudja xi ħaġa u qatt ma kellek żmien għaliha: il-Kotba Mqaddsa, l-Istorja, xi Lingwa jew forsi l-Matematika Għolja. Jien ħadt il-Latin u ħadtha bi drawwa, bla għaġla u bla furja, li nqatta' siegħa kuljum naqra u naħdem it-taħriġ. Tħossok sirt tifel mill-ġdid u donnok, kull meta tistudja lsien ġdid, quddiemek tinfetaħ veduta li qatt ma kont ilmaħtha ta' kif jaħsbuha u jgħiduha nies oħra.

Jekk is-saħħa u l-but jippermettu safra kull sena jew kull tnejn tgħallmek ħafna u tbiegħdek mill-monotonija. Biżżejjed tmur bi ftit flus għal ġimgħa sa Sqallija ddur l-inħawi madwar Katanja; bil-pullman tasal malajr biex jinfirxu quddiem għajnejk il-ħdura, l-irdumijiet bi rħula mdendlin magħhom u xmajjar ta' ilma jgelgħu minn fuq il-muntanji bħal ħdejn Randazzo, wara l-Etna. L-isbaħ li tmur żmien il-Għid. Darb'oħra tista' tmur Paliermu, oħra Enna fil-qalba tal-gżira bil-purċissjoni famuża ta' Kaltanizetta nhar Ħamis ix-Xirka. F'Londra aktar tħossok f'siktek donnok f'Malta, fis-sajf l-inħawi tagħha jgħaxxquk bil-ward u l-fwieħa tas-siġar f'Hampton Court, Windsor Park u mitt post ieħor.

Darba ħabib tiegħi li ħadem wisq biex jitwaqqfu l-iskejjel tekniċi fostna qalli li kien igħaddi xi siegħa kuljum jitlob. Stagħġibt, ma tantx kont nafu li hu xi qaddis u kien ilu xi sentejn bil-pensjoni. Kif flok dan it-talb kollu ma kienx jistudja l-fiżika u t-teknoloġija li kienu hekk għal qalbu? Il-lum nifhem, meta tasal 'l fuq lejn il-quċċata u taħtek tinfirex il-witja tal-ħajja bid-dellijiet tal-widien u l-għoljiet tagħraf aħjar liema huma l-aqwa ħwejjeġ meħtieġa għall-bniedem. Ir-riħ jofoq, is-sħab ma' dwarek u taħtek iġiegħlek tifhem li t-tmiem tat-telgħa hu fil-qrib. Tħoss aktar il-ħtieġa li tingħaqad fit-talb ma' Dak li mhux wisq żmien ieħor sejjer tingħaqad Miegħu. Waqt it-talb u meditazzjoni tħossok hekk qrib lejn id-dinja li sa tibda. Mela mhix għax "Quando non posso più...", aħna x-xjuħ naraw iżjed kemm uliedna, ħutna jistgħu jkunu megħjunin b'talbna. Aktar nagħdru lil min tilef it-twemmin u nitolbu għalih biex ikollu d-dawl, nafu li stajna naqgħu u mhux darba konna f'tarf il-għammieq għalhekk nitolbu għall-midinbin,

nitolbu għall-morda li ma ilux konna bħalhom; għal Marta, li bħal żagħżugħ f'saħħtu imma bi ftit mezzi, issa trid taħseb għal rasha.

Jekk fil-għodu fix-xitwa taraha bi tqila biex tqum kmieni, il-lum hawn il-kumdità tal-quddiesa fil-għaxija. Fiha jkollok jitlob miegħek bil-qawwa infinita Tiegħu lil Ġesù fit-tiġdid ġeneruż tas-sagrifiċċju tal-fidwa. Bħalma jgħid Cesare Cantù meta fil-għodu nkun tlabt inħossni aħjar u aktar qawwi mal-jum, meta nitlob fil-għaxija norqod aktar kwiet, bit-talb il-ferħ aktar iħennini, in-niket inkun niflaħ għalih u t-talb iġibli l-fiduċja. It-talb hu tarka kontra t-tigrib, balzmu li jagħlaq il-ġrieħi, id moħbija li żżomm lil min sa jaqa', driegħ li jarfa' lil min waqa'.

Min bit-talb ikun ħejja ruħu ma jarahiex hekk bi tqila li joffri l-aħħar rigal li jista' lil Min ħalqu. Ma' David ingħid, "Fik, Mulej, jien ittamajt, tħallix li ninfixel, eħlisni fil-ħaqq Tiegħek, għax int is-saħħa u l-kenn tiegħi. F'idejk jien nerħi r-ruħ tiegħi; inti fdejtni, o Mulej, Alla tas-sewwa". Chesterton igħid li qalulu li dawk in-nies twajba li jkunu sa jmutu jistennew il-mewt donnhom għarusa tistenna l-jum tat-tieġ. Mara tajba siegħa qabel mietet strieħet ftit minuti mill-uġigħ kbir tagħha. X'ħin fetħet għajnejha ħarset lejja u qaltli "Għandu jkun, irqadt xi ftit; ħlomt li kont f'wied l-aktar sabiħ u fih kienu jippassiġġaw sinjuri lebsin tant sabiħ. X'ħin uħud waslu ħdejja jien tajt is-salt biex ninżel għarkubbtejja nsell-milhom, imma wieħed minnhom rafagħli rasi u qalli, "Le, le, qum!" u jien stenbaht".

Nixtieq narah dak il-wied jien ukoll!